MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2007

Numru 1093/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond D'Anastas )
vs
Hashem Rababah, iben Hussni, imwieled is-Sirja,fl-10 ta' frar, 1971

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' diċembru, 2005 f'Ħal-Qormi għal ħabta tas-6.00 p.m., bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Shirley Rose, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta kellu taħt il-kontroll tiegħu u/jew kien isuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAF 186, tal-marka Hyundai, saq fid-direzzjoni ta' l-imsemmija Shirley Rose

liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipenddenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Shirley Rose, skond iċ-ċertifikat tat-Tabib Chris Farrugia MD ta' l-Isptar San Luqa;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi hedded lil Shirley Rose u membri ta' l-istess familja;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra l-persuna ta' Shirley Rose sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;
5. talli fl-istess ċirkostanżi hawn fuq indikati għalkemm mingħajr il-ħsieb li jagħmel reat ieħor, daħal fil-fond Flat 1, St. Rita, Triq ix-Xitwa, Ħal-Qormi u wara li kien imwissi mill-istess Shirley Rose li ma għandhux jidħol;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 083, għad-dannu ta' Carmelo Dalli.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' april, 2007 fejn seduta stante l-imputat ħallas is-somma ta' Lm60 danni li hu għamel fil-vettura ta' Carmelo Dalli.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' april, 2007 fejn mart l-imputat Shirley Rose ħafer lil żewġha l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta hawn fuq imsemmija l-ewwel ħames akkużi ġew irtirati.

Illi l-aħħar żewġ akkużi ġew pruvati mingħajr ebda dubju.

Għaldaqstant, tiddikjara li l-ewwel ħames akkużi ġew irtirati u għalhekk tastjeni li tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.  Issibu ħati tas-sitta u tas-seba' akkuża miġjuba kkontra tiegħu.  Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) u tikkundannahx għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------